Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-	Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; ***billi fl-2023 it-tranżazzjonijiet tal-akkomodazzjoni naqsu fi 13 mis-16-il***

proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;

[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

Stat Membru li rrapportaw data meta mqabbla mal-2022, u dan jimmarka t-tieni sena konsekuttiva ta' tnaqqis fil-bejgħ; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;

[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

Or. en

Emenda 441
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;	Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom; ***billi huwa neċessarju li jiġi stabbilit strument regolatorju biex jiġi mmonitorjat u indirizzat il-profitt mill-kirjiet taħt il-gwida tal-Unjoni biex jiġu protetti l-***

kerrejja;

[25] Declós, C., “From market good to social right?” “Shifting approaches to housing in Europe”, Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta’ Settembru 2021.

[25] Declós, C., “From market good to social right?” “Shifting approaches to housing in Europe”, Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta’ Settembru 2021.

Or. en

Emenda 442
György Hölvényi, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f’unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u medju jaffettwa b’mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta’ introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;	Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f’unitajiet domestiċi b’introjtu baxx u medju ***u speċjalment il-kostijiet għoljin u dejjem jogħlew tal-utilitajiet u tal-enerġija kkawżati mill-gwerra fl-Ukrajna, aggravati aktar mill-impatt tas-sanzjonijiet u miri ekoloġiċi mhux realistiċi,*** jaffettwa b’mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta’ introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;

[25] Declós, C., “From market good to social right?” “Shifting approaches to housing in Europe”, Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta’ Settembru 2021.

[25] Declós, C., “From market good to social right?” “Shifting approaches to housing in Europe”, Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta’ Settembru 2021.

Or. en

Emenda 443
Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;	Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju ***mhux biss*** jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli***, iżda għandu konsegwenzi demografiċi u soċjoekonomiċi usa'***; billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ***u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem***, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;
[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.	[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

Or. en

Emenda 444
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; ***billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;***	Q. billi fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju***, marbut mal-politiki ta' tnaqqis fil-baġit mitluba mill-Unjoni,*** jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli;
[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.	[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

Or. en

Emenda 445
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi ***fl-Ewropa bħalissa għaddejja kriżi*** tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi ***t-tnaqqis*** fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju ***jaffettwa b'mod negattiv il-possibbiltà tagħhom*** li	Q. billi ***l-kriżi*** tal-akkomodazzjoni li ***għaddejja bħalissa fl-Ewropa*** qed taffettwa prinċipalment lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[25]; billi ***l-livelli baxxi tas-salarji, it-tnaqqis*** fil-kapaċità tal-akkwist f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju***, il-kundizzjonijiet***

jixtru jew jikru akkomodazzjoni affordabbli; ***billi l-investimenti fil-proprjetà immobbli jiggarantixxu d-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jipprovdu sors ta' introjtu addizzjonali għall-pensjonanti u l-familji li investew flushom li faddlu u li tant stinkaw għalihom;***

[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

prekarji tax-xogħol, l-ispekulazzjoni u l-finanzjalizzazzjoni tas-settur tal-akkomodazzjoni, id-distakk sinifikanti u dejjem jikber fl-investiment f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, il-proliferazzjoni tal-kiri għal żmien qasir għat-turisti ("turistifikazzjoni"), kif ukoll iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u tal-utilitajiet idgħajfu l-possibbiltà li jixtru jew jikru akkomodazzjoni ***bi prezzijiet*** affordabbli;

[25] Declós, C., "From market good to social right?" "Shifting approaches to housing in Europe", Barcelona Centre for International Affairs, 30 ta' Settembru 2021.

Or. en

Emenda 446
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi filwaqt li miljuni ta' nies ibatu biex jaċċessaw akkomodazzjoni adegwata, dar waħda minn kull sitta madwar l-Ewropa għadha vojta jew abbandunata[1a], ħafna drabi għal skopijiet spekulattivi; billi l-indirizzar tad-djar vojta huwa kruċjali biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-affordabbiltà; billi d-djar privati vojta fit-tul inaqqsu l-provvista tal-akkomodazzjoni affordabbli, jalimentaw l-ispekulazzjoni, u jgħollu l-prezzijiet f'żoni b'domanda għolja; billi d-djar vojta fit-tul u d-djar abbandunati b'mod intenzjonat mhumiex kompatibbli mal-funzjoni soċjali tal-akkomodazzjoni u jaggravaw l-iskarsezza u l-esklużjoni; billi l-indirizzar

tad-djar vojta jrid ikun prijorità tal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, inkluż permezz ta' approċċi ta' rinnovazzjoni tad-distretti, użu attiv ta' art pubblika, u miżuri biex l-abitazzjonijiet mhux użati jerġgħu jinġiebu fiċ-ċirkolazzjoni għall-familji u l-komunitajiet; billi l-indirizzar tad-djar vojta u abbandunati jista' kemm iżid id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni kif ukoll isaħħaħ il-viċinati, b'mod partikolari f'żoni li jbatu minn depopolazzjoni u tnaqqis soċjoekonomiku; billi l-assi pubbliċi vojta ħafna drabi jibqgħu ma jintużawx biżżejjed minħabba kostijiet għoljin ta' rinnovazzjoni, ostakli amministrattivi, jew restrizzjonijiet baġitarji;

[1a] Kummissjoni Ewropea, "Vacant Real Estate: Seizing the Opportunity to Find Affordable Housing Solutions in Europe" (Proprjetà Immobbli Vojta: Naħtfu l-Opportunità biex Insibu Soluzzjonijiet ta' Akkomodazzjoni Affordabbli fl-Ewropa), is-sit web Futurium tal-Kummissjoni Ewropea, Jannar 2016.

Or. en

Emenda 447
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw politiki tal-akkomodazzjoni bi kriterji soċjali u ambjentali, filwaqt li jpoġġu d-dritt għal akkomodazzjoni qabel il-profitti tal-ikkuntrattar jew l-interessi fl-investimenti; billi dawn għandhom jużaw ir-riżorsi Ewropej disponibbli, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, biex

jippromwovu akkomodazzjoni sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

Or. el

Emenda 448
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Hanna Gedin, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni taffettwa b'mod sproporzjonat ċerti komunitajiet, inklużi l-klassi tal-ħaddiema, in-nisa, il-persuni razzjalizzati, il-migranti u l-persuni b'diżabbiltà; billi politika tal-akkomodazzjoni tassew inklużiva trid tindirizza dawn l-inugwaljanzi u tiżgura li kulħadd, irrispettivament mill-isfond jew l-istatus tiegħu, ikollu aċċess għal akkomodazzjoni sikura u affordabbli;

Or. en

Emenda 449
Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi ċerti regoli ta' governanza fiskali tal-UE u l-klassifikazzjoni tal-Korpi tal-Akkomodazzjoni Approvati (AHBs) u entitajiet simili bħala sponsorjati mill-Istat jistgħu jirrestrinġu l-kapaċità ta' investiment pubbliku; billi flessibbiltà akbar fit-trattament fiskali ta'

korpi bħal dawn hija essenzjali biex tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 450
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-UE teħtieġ mhux biss żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli iżda wkoll li jiġi żgurat il-post strateġiku tagħha, b'mod partikolari fil-viċinanza taċ-ċentri tal-impjiegi, is-servizzi pubbliċi, u n-networks tat-trasport sostenibbli, biex jitnaqqsu l-pożijiet tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura, u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja;

Or. en

Emenda 451
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi, fl-2023, madwar 16,6 % tar-residenti tal-UE kienu jgħixu f'akkomodazzjoni ffullata; billi, fl-2023, kwart tal-minorenni u aktar minn għoxrin fil-mija tat-tfal li għandhom anqas minn 6 snin kienu jgħixu f'akkomodazzjoni ffullata fl-UE, meta mqabbla ma' 17 % għall-popolazzjoni ġenerali;

Or. en

Emenda 452
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qb. billi skemi ta' residenza b'investiment, b'mod komuni msejħa programmi ta' "viża tad-deheb", ġew stabbiliti f'diversi Stati Membri tal-UE; billi skemi bħal dawn jistgħu jgħollu l-prezzijiet tal-proprjetà f'żoni urbani ewlenin, jikkontribwixxu għall-ispekulazzjoni, joħolqu distorsjoni fis-swieq lokali tad-djar, u jaggravaw il-pressjonijiet fuq l-affordabbiltà għar-residenti; billi skemi bħal dawn intrabtu ma' riskji sostanzjali ta' ħasil tal-flus u korruzzjoni; billi xi Stati Membri diġà abolew jew irriformaw il-programmi tal-viża tad-deheb tagħhom b'rispons għal dan it-tħassib; billi l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet il-ħtieġa li tirregola jew tipprojbixxi skemi bħal dawn biex tipproteġi l-integrità tas-suq intern u tipprevjeni l-abbużi;

Or. en

Emenda 453
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qb. billi l-persuni b'diżabbiltà huma

fost il-gruppi l-aktar milquta fl-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli; billi 11,1 % tal-persuni b'diżabbiltà kienu mgħobbija żżejjed bil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni fl-2023; billi 4,4 % tal-persuni b'diżabbiltà jesperjenzaw privazzjoni severa ta' akkomodazzjoni; billi 70 sa 80 % tal-istokk tal-akkomodazzjoni eżistenti mhuwiex adattat għal għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabbiltà;

Or. en

Emenda 454
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qc. billi l-appoġġ pubbliku jew ir-reġimi preferenzjali għall-investiment residenzjali għandhom ikunu marbuta ma' kundizzjonalità soċjali ċara, inklużi salvagwardji kontra l-bejgħ mill-ġdid spekulattiv, u mekkaniżmi biex jippreżervaw l-affordabbiltà fit-tul; billi, mingħajr kundizzjonijiet bħal dawn, ir-riżorsi pubbliċi jissugraw li jżidu indirettament l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni jew il-qligħ finanzjarju fuq żmien qasir; billi mudelli li huma kooperattivi, bħal sjieda mhux maqsuma, profitt limitat, jew mingħajr skop ta' qligħ skont statut jew prinċipji fundaturi jistgħu jiġġieldu l-massimizzazzjoni sistemika tal-profitt u jgħinu biex tinħoloq ekosistema ta' akkomodazzjoni aktar ibbilanċjata, filwaqt li tingħata prijorità lill-valur soċjali u lill-aċċessibbiltà fit-tul;

Or. en

Emenda 455
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qd. billi waqt missjonijiet u seduti ta' smigħ immexxija mill-Kumitat Speċjali dwar il-Kriżi tal-Akkomodazzjoni fl-Unjoni Ewropea, irriżulta li ġew żviluppati soluzzjonijiet effettivi biex tittejjeb l-affordabbiltà f'ħafna bliet permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, li fihom l-awtoritajiet pubbliċi kkollaboraw ma' atturi kooperattivi jew mingħajr skop ta' qligħ; billi tali sħubijiet urew li huma kapaċi jipprovdu akkomodazzjoni ġenwinament affordabbli u soċjali, billi jisfruttaw l-għarfien espert u l-objettivi soċjali tal-atturi mingħajr skop ta' qligħ biex jikkomplementaw ir-riżorsi pubbliċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet lokali tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 456
Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qe (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qe. billi l-politika tal-akkomodazzjoni għandha rilevanza makroekonomika sinifikanti u għandha tkun riflessa b'mod adegwat fil-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, b'mod partikolari fil-

kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

Or. en

Emenda 457
Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. ***billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti;*** billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; ***billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;***	R. billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji;
[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.	[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 458
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; ***billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti;*** billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri ***u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE***, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; ***billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;***	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji;
[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.	[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. de

Emenda 459
Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; ***billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti;*** billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi ***dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta'*** akkomodazzjoni affordabbli ***u oqfsa regolatorji***; ***billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;***	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi ***t-terminu*** "akkomodazzjoni affordabbli" ***jkopri ħafna forom ta' akkomodazzjoni u dawk il-forom jinkludu akkomodazzjoni soċjali, kooperattiva u pubblika***;
[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.	[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 460
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra; ***billi l-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali, bħala parti mis-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ) rikonoxxuti mill-UE skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE, hija primarjament maħsuba għal ċittadini żvantaġġati jew gruppi soċjalment anqas vantaġġati, li minħabba restrizzjonijiet ta' solvenza ma jistgħux jiksbu akkomodazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq;***

[26] UN-Habitat, “Capacity Development on SDGs Indicators” Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading’, is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

[26] UN-Habitat, “Capacity Development on SDGs Indicators” Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading’, is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 461
Borja Giménez Larraz, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta’ kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta’ kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta’ unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta’ akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f’dan id-dibattitu u jista’ jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta’ kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta’ kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta’ unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta’ akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f’dan id-dibattitu u jista’ jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u

partijiet ikkonċernati oħra;

partijiet ikkonċernati oħra; ***billi ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt biex tevalwa kif dawn id-definizzjonijiet se jaffettwaw, b'mod pożittiv jew negattiv, l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, u l-provvista tagħha, fl-Istati Membri tal-UE;***

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 462
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni

affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra; ***billi l-Kummissjoni ppreżentat rekwiżiti ġodda għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli fir-reviżjoni tagħha tar-regoli tas-SIEĠ tat-3 ta' Ottubru 2025;***

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 463
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità

domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra; ***billi dawn id-definizzjonijiet huma marbuta bil-prinċipju tas-sussidjarjetà u bil-kompetenzi limitati tal-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mal-akkomodazzjoni;***

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 464
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej

adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji ***u jistipulaw kategoriji dettaljati għal akkomodazzjoni affordabbli, limiti stabbiliti ta' introjtu, u kriterji soċjali li jagħtu prijorità lill-allokazzjoni***; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 465
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni	R. billi l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni

tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta’ kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta’ kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta’ unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta’ akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f’dan id-dibattitu u jista’ jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

tagħhom jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta’ kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta’ kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta’ unità domestika[26]; billi dan l-approċċ huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta’ akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f’dan id-dibattitu u jista’ jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra; ***billi d-definizzjonijiet jirrikjedu li l-aċċess għal swieq tad-djar affordabbli jkun miftuħ għall-forniturі tas-servizzi kollha;***

[26] UN-Habitat, “Capacity Development on SDGs Indicators” Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading’, is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

[26] UN-Habitat, “Capacity Development on SDGs Indicators” Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading’, is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 466
Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi ***l-akkomodazzjoni*** affordabbli	R. billi ***d-definizzjonijiet tal-***

u ***l-akkomodazzjoni*** soċjali ***ma għandhomx definizzjonijiet konsistenti kemm fil-letteratura akkademika kif ukoll fl-acquis tal-UE, u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom*** jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ ***huwa kompatibbli mad-definizzjonijiet u l-kriterji użati fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-UE, li għandhom politiki ta' akkomodazzjoni affordabbli u oqfsa regolatorji***; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

akkomodazzjoni affordabbli***, pubblika*** u soċjali jaqgħu esklużivament taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru; billi l-enfasi l-ġdida fuq l-akkomodazzjoni fil-livell tal-UE xprunat dibattitu politiku mqanqal dwar definizzjonijiet pan-Ewropej adatti li jistgħu jiffaċilitaw l-investimenti; billi l-UN-Habitat iqis li l-akkomodazzjoni hija affordabbli meta n-nefqa netta ta' kull xahar għall-akkomodazzjoni ma taqbiżx it-30 % tal-introjtu totali fix-xahar ta' unità domestika[26]; billi dan l-approċċ ***mhuwiex komplut, peress li r-rata ta' sforz ta' 30 % ma tirrappreżentax l-istess piż għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx bħalma tirrappreżenta għall-unitajiet domestiċi b'introjtu għoli***; billi l-Parlament huwa parteċipant attiv f'dan id-dibattitu u jista' jadatta, jekk ikun meħtieġ, id-definizzjonijiet bażiċi wara interazzjoni ulterjuri ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra;

[26] UN-Habitat, "Capacity Development on SDGs Indicators" Monitoring and Reporting – Indicator 11.1.1: Adequate housing and slum upgrading', is-sit web tal-UN-Habitat, April 2022.

Or. en

Emenda 467
Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
